

Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11793/26

AGRI 583
AGRIFIN 140
AGRISTR 39
AGRIORG 93

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 353 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL L-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE għas-settur agrikolu

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 353 final.

Mehmuż: COM(2026) 353 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.7.2026
COM(2026) 353 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

L-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE għas-settur agrikolu

1. Introduzzjoni

Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 (l-OKS) dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq¹ jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli fis-suq intern. Huwa parti integrali mill-politika agrikola komuni (PAK) u jipprevedi regoli tekniċi armonizzati tas-suq u tal-kummerċ, u b'hekk jiżgura orjentazzjoni tas-suq għas-settur agrikolu tal-UE. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħti status speċifiku lis-settur agrikolu, sabiex ir-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-prodotti agrikoli jkunu mfassla skont il-karatteristiċi speċifiċi tas-settur (inkluża l-frammentazzjoni tas-settur tal-biedja (qabbel dan mal-konċentrazzjoni ta' atturi upstream u downstream fil-katina tal-provvista agroalimentari), ċikli twal ta' produzzjoni u volatilità sinifikanti mmexxija minn fatturi klimatiċi u naturali), filwaqt li jitqiesu l-oġettivi tal-PAK. Il-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) tippreżenta dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 225, il-punt (d) tal-OKS. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, dan ir-rapport jiddeskrivi kif ir-regoli tal-kompetizzjoni, kif stabbiliti fl-OKS, ġew applikati² għas-settur agrikolu fl-Istati Membri kollha³.

Ir-rapport ikopri l-perjodu minn Lulju 2017 sa Lulju 2025 fir-rigward tal-esklużjonijiet mir-regoli tal-kompetizzjoni fl-OKS u d-deskrizzjoni tal-investigazzjonijiet tal-antitrust⁴.

Ir-rapport irid jiġi kkunsidrat, filwaqt li jitqies il-kuntest ekonomiku u politiku usa' fil-perjodu kkonċernat. Dak iż-żmien, is-settur agrikolu tal-Ewropa ffaċċja sensiela ta' kriżijiet ekonomiċi u sanitarji sinifikanti, bħall-pandemija tal-COVID-19, il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

² L-applikazzjoni tal-esklużjonijiet mill-Artikolu 101(1) tat-TFUE hija bbażata fuq awtovalutazzjoni mill-produtturi, li għalhekk ma għandhomx għalfejn jirrappurtawha lill-Kummissjoni. Konsegwentement, dan ir-rapport huwa bbażat l-aktar fuq talbiet formali għal opinjonijiet sottomessi lill-Kummissjoni, ilmenti u investigazzjonijiet *ex officio* tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u rappurtar tal-Istati Membri.

³ Is-settur agrikolu jkopri l-prodotti elenkati fl-Artikolu 1(2) tal-OKS u l-Anness I tal-OKS.

⁴ Rapport preċedenti: *Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għas-settur agrikolu*, COM(2018) 706 final u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja d-dokument Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, L-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għas-settur agrikolu, SWD (2018) 450 final.

Ukrajna, iż-żidiet qawwija fil-kostijiet tal-enerġija u l-fertilizzanti, avvenimenti estremi tat-temp u theddidiet sanitarji kontinwi bħall-mard tal-annimali, li għalihom il-Kummissjoni kollha wiegħbet b'mod qawwi⁵.

Fl-2024, id-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura tal-UE⁶ id-(Djalogu Strateġiku) irrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jippromwovu inizzjattivi ta' kooperazzjoni bejn il-bdiewa u atturi oħra tal-katina tal-provvista f'konformità mal-Artikolu 210a tal-OKS biex jippremjaw lill-bdiewa għall-isforzi u l-investimenti tagħhom fis-sostenibbiltà. Id-Djalogu Strateġiku appella wkoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex “joqogħdu lura minn interferenzi eċċessivi fis-suq li jillimitaw il-kompetizzjoni” fl-indirizzar tal-isfidi li jiffaċċjaw il-bdiewa tal-UE.

F'Diċembru 2024, il-Kummissjoni pproponiet miżuri biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel u terġa' tinkiseb il-fiduċja fil-katina bejn l-atturi tagħha, inklużi proposti relatati mar-regoli tal-kompetizzjoni fl-agrikoltura⁷.

2. Applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni kif stabbiliti fl-OKS għas-settur agrikolu fl-Istati Membri kollha

It-TFUE jagħti status speċjali lis-settur agrikolu. Skont l-Artikolu 42 tat-TFUE, ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE japplikaw għall-produzzjoni u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli biss sa fejn jiġi determinat mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, fil-qafas tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE u b'kont meħud tal-ħames objettivi tal-PAK previsti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) irrikonoxxiet il-preċedenza tal-PAK fuq l-oġettivi tat-TFUE fil-qasam tal-kompetizzjoni⁸. Irrikonoxxiet ukoll li ż-żamma ta' kompetizzjoni effettiva hija wieħed mill-oġettivi tal-PAK u tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq⁹.

⁵ Rapport speċjali: L-iżgurar tal-provvista tal-ikel matul il-COVID-19.

⁶ Id-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-agrikoltura tal-UE.

⁷ *Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115 u (UE) 2021/2116 fir-rigward tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel, COM(2024) 577 final.*

⁸ Is-sentenza tad-29 ta' Ottubru 1980, Maizena, 139/79, EU:C:1980:250, il-punt 23, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 1994, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-280/93, EU:C:1994: 367, il-punt 61; Is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2013,

Skont l-Artikoli 42 u 43(2) tat-TFUE, l-OKS tistabbilixxi esklużjonijiet speċifiċi għall-agrikoltura mill-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) tat-TFUE. Dawn l-esklużjonijiet, deskritti fir-rapport tal-Kummissjoni tal-2018, jinkludu esklużjonijiet ġenerali li jistgħu jkunu orizzontali (għal deċiżjonijiet, ftehimiet jew prattiki miftiehma ta' bdiewa jew produtturi, jew assoċjazzjonijiet tal-bdiewa u organizzazzjonijiet ta' produtturi (OPs) (l-Artikoli 152 u 209), jew vertikali (għal ftehimiet, deċiżjonijiet jew prattiki miftiehma ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali rikonoxxuti (IBO) (l-Artikolu 210), jew kemm orizzontali (konklużi bejn kompetituri reali jew potenzjali fl-istess livell tal-katina (pereżempju, il-bdiewa)) kif ukoll vertikali (jekk konklużi bejn atturi li joperaw f'livelli differenti tal-katina (pereżempju, il-bdiewa li jagħmlu ftehim ma' proċessuri) (l-Artikolu 210a). Ir-rapport ikopri wkoll esklużjonijiet għal negozjati kollettivi fis-settur tal-ħalib (l-Artikolu 149), esklużjonijiet f'każijiet ta' żbilanċi severi fis-suq (l-Artikolu 222) u esklużjonijiet marbuta mal-ġestjoni tal-provvista għal prodotti u setturi speċifiċi (l-Artikoli 166a-167-167a).

2.1 Kooperazzjoni orizzontali (l-Artikoli 209, 149 u 152 tal-OKS)

L-Artikolu 209 tal-OKS

L-Artikolu 209 jipprevedi li l-Artikolu 101(1) tat-TFUE ma japplikax għal ftehimiet, deċiżjonijiet jew prattiki miftiehma ta' bdiewa, assoċjazzjonijiet ta' bdiewa, OPs rikonoxxuti jew assoċjazzjonijiet rikonoxxuti ta' OPs (APOs) li jikkonċernaw il-produzzjoni jew il-bejgħ ta' prodotti agrikoli jew l-użu ta' faċilitajiet konġunti għall-ħażna, it-trattament jew l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, sakemm l-applikazzjoni tagħhom ma tipperikolax il-kisba tal-oġġettivi tal-PAK fl-Artikolu 39 tat-TFUE.

Il-tehimiet, id-deċiżjonijiet u l-prattiki miftiehma li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 209 ma humiex ipprojbiti, u ma hija meħtieġa l-ebda deċiżjoni minn qabel li tawtorizzahom.

Panellionios Szdesmos Viomichanion Metapoiisis Paknou, C-373/11, EU: C: 201: 567, il-punt 39, l-aktar reċentement imfakkar fis-sentenza tal-14 ta' Novembru 2017, APVE *et*, C-671/15, EU:C:2017:860, il-punt 37.

⁹Is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, Milk Marque u National Farmers' Union, C-137/00, ECLI:EU:C:2003:429, il-punt 57, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2017, APVE *et al*, C-671/15, EU:C:2017:860, il-punti 37 u 48.

Madankollu, l-operaturi rilevanti jistgħu jitolbu opinjoni mill-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà ta' daww il-ftehimiet, deċiżjonijiet jew prattiki miftiehma mal-oġettivi tal-PAK.

Sa issa l-Kummissjoni ttrattat talba waħda għal opinjoni skont l-Artikolu 209. Dan kien fl-2020, meta ħarġet opinjoni pożittiva dwar it-talba sottomessa mill-assoċjazzjoni Spanjola tal-kooperattivi tal-bdiewa, *Cooperativas agro-alimentarias* (CAA), rigward il-kompatibbiltà mal-oġettivi tal-PAK ta' mekkaniżmu biex jistabbilizza s-suq Spanjol taż-żejt taż-żebbuġa¹⁰ permezz tal-ħażna volontarja taż-żejt taż-żebbuġa.

Il-mekkaniżmu kien jikkonċerna l-kategoriji li ġejjin ta' żejt taż-żebbuġa prodott mill-membri kooperattivi tal-assoċjazzjoni: żejt taż-żebbuġa ekstra verġni, żejt taż-żebbuġa verġni u żejt taż-żebbuġa lampante. Is-settur jiffaċċja varjazzjonijiet qawwija fil-produzzjoni annwali minħabba ċ-ċikli bijoloġiċi tas-siġar taż-żebbuġ u l-kundizzjonijiet tat-temp. Dan iwassal għal perjodi ta' provvista żejda jew nuqqas ta' provvista, li jikkawżaw volatilità qawwija fil-prezzijiet u instabbiltà finanzjarja għall-produtturi.

Il-membri kooperattivi tal-assoċjazzjoni għalhekk ipproponew li jaħżnu ċerta parti mill-volum żejjed taż-żejt taż-żebbuġa għal perjodu limitat. L-għan kien li jinkiseb bilanċ aħjar bejn il-provvista u d-domanda, li jista' jappoġġa d-dħul tal-bdiewa. Il-parteciġazzjoni fil-mekkaniżmu baqgħet volontarja, u l-Kummissjoni sabet li l-ftehimiet tas-CAA u l-kooperattivi li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu kienu kompatibbli mal-kisba tal-oġettivi tal-PAK u ma wasslux għall-esklużjoni tal-kompetizzjoni.

Separatament, fl-2019, l-Awtorità Nazzjonali tal-Kompetizzjoni (NCA) tad-DK investigat serje ta' ftehimiet bejn produtturi tal-bajd organiku u ċentri tal-ippakkjar tal-bajd bil-għan li jaġġustaw il-produzzjoni għad-domanda determinata mill-pakkjaturi filwaqt li jżommu relazzjoni ta' provvista esklużiva bejniethom. Fl-aħħar mill-aħħar, il-ftehimiet kellhom l-għan li jżommu prezz oġhla għal tali produtturi tal-bajd mingħajr ma jistabbilixxu livell ta' prezz speċifiku. L-NCA kkunsidrat jekk il-ftehimiet jistgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 209 tal-OKS. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, l-NCA ma sabet l-ebda raġuni biex tkompli l-investigazzjoni u għalqitha mingħajr deċiżjoni fl-2020.

¹⁰ Għall-Opinjoni tal-Kummissjoni: Opinjonijiet dwar il-kompatibbiltà - Il-Kummissjoni Ewropea.

L-Artikolu 149 tal-OKS

Skont l-Artikolu 149 tal-OKS, OP rikonoxxuta jew APO rikonoxxuta tista' tinnegozja kollettivament kuntratti għall-kunsinna ta' ħalib mhux ipproċessat f'isem il-membri bdiewa tagħha, għal parti mill-produzzjoni konġunta tagħhom jew kollha kemm hi.


Disa' Stati Membri¹¹ rappurtaw kunsinni ta' ħalib mhux ipproċessat fl-2024 taħt kuntratti nnegozjati kollettivament f'konformità ma' din id-dispożizzjoni. Il-volum innegozjat kollettivament minn OPs rikonoxxuti u APOs rikonoxxuti ammonta għal aktar minn 32,3 miljun tunnellata, li jikkorrispondi għal madwar 22 % tal-kunsinni totali tal-ħalib fl-UE fl-2024. Fiċ-CZ, 78 % tal-ġbir annwali tal-ħalib ġie nnegozjat kollettivament, 48 % fil-DEu 49 % fi FR.

Mill-2018 'l hawn, fl-UE kien hemm żieda fil-perċentwal tal-kunsinni tal-ħalib tal-UE nnegozjati kollettivament skont l-Artikolu 149 tal-OKS¹², minn 18,7 % fl-2018, għal 22,2 % fl-2024¹³.

¹¹ BE, BG, CZ, DE, ES, FR, NL, SK, FI.

¹² Iż-żieda fin-negozjati kollettivi hija attribwita għaż-żieda fin-numru ta' OPs/APOs u s-suċċess tal-mekkaniżmu nnifsu.


¹³ Abbażi tan-notifika tal-Istati Membri skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 511/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 dwar notifiċi li jikkonċernaw l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u dawk interprofessjonali u negozjati kuntrattwali u relazzjonijiet previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, ĠU L 156, 16.6.2012, p. 39.



L-Artikolu 152(1a) tal-OKS

L-Artikolu 152(1a) jipprevedi esklużjoni espliċita mill-Artikolu 101(1) tat-TFUE għal OP rikonoxxuta jew APO rikonoxxuta li tippjana l-produzzjoni, tottimizza l-kostijiet tal-produzzjoni, tintroduċi fis-suq, u tinnegozja kuntratti għall-provvista ta' prodotti agrikoli f'isem il-membri tagħha għall-produzzjoni totali tagħhom kollha jew parti minnha. Biex jibbenefikaw minn din l-esklużjoni espliċita, l-organizzazzjonijiet iridu jeżerċitaw ġenwinament attività ekonomika bħal ħażna konġunta, distribuzzjoni, ġestjoni konġunta tal-iskart jew promozzjoni konġunta. Ma hemm l-ebda obbligu ta' notifika minn qabel jew *ex post* għall-OPs rikonoxxuti biex jibbażaw fuq din id-dispożizzjoni. Huwa preżunt li l-biċċa l-kbira tal-organizzazzjonijiet jużaw din id-dispożizzjoni fl-attivitàjiet tagħhom abbażi ta' awtovalutazzjoni.

Fl-2024 kien hemm 2 894 OP rikonoxxuta u 90 APO rikonoxxuta fl-UE¹⁴. F’haġna setturi, l-OPs ma humiex rikonoxxuti skont it-tifsira tal-OKS, għalkemm haġna minnhom jissodisfaw il-kriterji għar-rikonoxximent; huma jippjanaw il-produzzjoni jew jintroduċu fis-suq prodotti tal-membri taġġhom u jinnegożjaw kuntratti għall-provvista ta’ prodotti agrikoli f’isem il-membri taġġhom, mingħajr ma jibbenefikaw minn esklużjonijiet mir-regoli tal-kompetizzjoni¹⁵.



2.2 Kooperazzjoni vertikali (l-Artikoli 210 u 172b tal-OKS)

L-Artikolu 210 tal-OKS

L-Artikolu 210 jiddikjara li l-Artikolu 101(1) tat-TFUE ma japplikax għal ftehimiet, deċiżjonijiet jew prattiki miftiehma ta’ organizzazzjoni interprofessjonali rikonoxxuta (IBO) li huma meħtieġa

¹⁴ Abbażi tan-notifiki kif sottomessi mill-Istati Membri sa Ġunju 2025 skont l-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/232 tal-15 ta’ Diċembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f’dak li jikkonċerna ċerti aspetti ta’ kooperazzjoni bejn il-produtturi, ĠU L 044 19.2.2016, p. 1.

¹⁵ Ara f’dak ir-rigward in-nota ta’ spjegazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-proposta tal-OPs mhux rikonoxxuti ppubblikata mill-Kunsill: WK 3897/2025 INIT, [pdf](#), Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115 u (UE) 2021/2116 fir-rigward tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel, COM(2024) 577 final/2.

sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-IBO elenkati fl-Artikolu 157(1), il-punt (c) tal-OKS¹⁶ u li ma humiex inkompatibbli mar-regoli tal-UE skont l-Artikolu 210(4)¹⁷.

Tali ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 210 tal-OKS ma humiex ipprojbiti, u l-ebda deċiżjoni minn qabel li tawtorizza l-applikazzjoni tagħhom ma hija meħtieġa. L-applikazzjoni tal-esklużjoni hija bbażata fuq awtovalutazzjoni mill-organizzazzjonijiet inkwistjoni. Madankollu, huwa possibbli li tintalab opinjoni mill-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà ta' ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma mal-Artikolu 210¹⁸. Kurrentement hemm 134 IBO rikonoxxuta fl-UE.

Il-Kummissjoni ttrattat erba' każijiet ta' kooperazzjoni vertikali skont l-Artikolu 210 mill-2018;¹⁹; tlieta kienu jikkonċernaw indikaturi tal-prezzijiet u wieħed kien relatat ma' standards ta' kummerċjalizzazzjoni. Fil-każijiet kollha, il-Kummissjoni sabet li l-miżuri setgħu jiġu ddikjarati kompatibbli mad-dritt tal-UE, peress li ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 210(4).

L-ewwel, fl-2019, is-*Centre national interprofessionnel de l'économie laitière* (CNIEL), IBO rikonoxxuta fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, ipproponiet²⁰ il-ħolqien ta' dashboard tas-suq li jinkludi 26 indikatur ekonomiku li jkopru aspetti bħall-volum, il-prezz, il-kost u l-marġini tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib f'diversi stadji tal-katina tal-provvista, u ta' osservatorju tas-suq li jiffoka fuq sitt indikaturi għall-kostijiet tal-produzzjoni u l-prezzijiet tal-kost tal-ħalib konvenzjonali, organiku u tal-muntanji.

¹⁶ Kif ukoll oġġettivi simili fis-setturi taż-żebug u tat-tabakk.

¹⁷ Dawn il-kundizzjonijiet jinkludu, fost l-oħrajn, in-nuqqas ta' iffissar tal-prezzijiet jew tqassim tas-swieq.

¹⁸ L-Artikolu 210 tal-OKS ġie emendat f'Diċembru 2021 bir-Regolament (UE) 2021/2117, li introduċa bidliet fil-proċedura preċedenti, inkluża l-abolizzjoni tas-sistema preċedenti ta' notifika minn qabel lill-Kummissjoni ta' ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma, u li tiġi prevista l-possibbiltà li tintalab opinjoni.

¹⁹ Tliet każijiet oħra kienu soġġetti għal deċiżjoni tal-Kummissjoni qabel l-2018. Fl-2017, il-Kummissjoni sabet li t-talba sottomessa mill-*Comité national interprofessionnel de la Pomme de Terre* (CNIPT) dwar l-indikaturi tal-prezzijiet għall-patata kienet kompatibbli mal-Artikolu 210 tal-OKS: [1f9b4fda-8007-4b9b-9c06-56c7956be36a_fr](#); fl-2015, il-Kummissjoni eżaminat notifika sottomessa mis-CNIEL dwar il-grilji tal-ħlas tal-ħalib u ma qajmet l-ebda oġġezzjoni: [a1002532-be97-43c3-ab5e-7a5c023b754c_en](#); u fl-2013, il-Kummissjoni eżaminat ftehim dwar indikaturi ekonomiċi għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib sottomessi mis-CNIEL u sabitha kompatibbli mad-dritt tal-UE: [29301f3c-dd63-48a0-aa42-b60fd5845147_fr](#).

²⁰ Għall-Opinjoni tal-Kummissjoni: [*9160b4d9-6168-4c10-b6a4-314d7849a58b_en](#).

It-tieni, fl-2021, il-Kummissjoni eżaminat miżura proposta mill-*Association Interprofessionnelle de la Banane* (AIB), IBO rikonoxxuta fis-settur tal-banana²¹. Il-miżura kellha l-għan li toħloq u xxerred indikatur tas-suq fl-istadju tal-bejgħ bl-ingrossa fi FR metropolitana biex tinforma lill-operaturi dwar l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-banana mibjugħa mill-bejjiegħa bl-ingrossa lill-bejjiegħa bl-imnut, u x-xiri minn fornituri tal-ikel tal-massa, ristoranti u korpi ċentrali għall-akkwisti.

It-tielet, fl-istess sena, il-Kummissjoni eżaminat it-talba tas-CNIEL biex toħloq u xxerred indikatur tas-suq għal erba' ġobnijiet b'Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta (DOP) (Cantal, Auvergne blue, Ambert u Saint-Nectaire) u l-koprodotti tagħhom (butir u trab tax-xorrox) fir-reġjun ta' Auvergne ta' FR²².

Fit-tliet każijiet kollha, l-għan tal-indikaturi tas-suq kien li jtejbu t-trasparenza tas-suq billi jagħtu lill-operaturi informazzjoni estensiva u komprensiva. L-indikaturi disponibbli regolarment inaqqsu l-assimetrija tal-informazzjoni u l-volatilità tal-prezzijiet billi jtejbu l-fehim tas-suq fl-istadji kollha. L-għarfien aħjar tax-xejriet tas-suq imbagħad jippermetti lill-operaturi tul il-katina tal-provvista jieħdu deċiżjonijiet aktar infurmati dwar il-produzzjoni u l-investment.

Fl-aħħar nett, fl-2024 il-Kummissjoni vvalutat talba għal opinjoni dwar il-kompatibbiltà ta' miżura dwar id-daqs tat-tuffieħ skont il-piż għat-tuffieħ prodott u maħsub biex jiġi introdott fis-suq fi FR²³.

Il-ftehim f'dan il-każ kellu l-għan li jikseb diversi objettivi ewlenin skont l-Artikolu 157(1), il-punt (c) tal-OKS. Żied l-għarfien u t-trasparenza tas-suq għall-membri ta' dan l-IBO billi standardizza d-data tas-suq bl-użu ta' unità komuni ta' kejl, u b'hekk tejjeb il-prevedibbiltà għall-operaturi upstream u ssimplifika r-relazzjonijiet downstream. Iffaċilita koordinazzjoni aħjar fl-introduzzjoni tal-prodotti fis-suq billi adotta d-daqs skont il-piż, li jissimplifika r-regoli tal-kummerċjalizzazzjoni u jnaqqas l-inċertezzi jew il-kunflitti fost l-operaturi. Ippreveda wkoll

²¹ Għall-opinjoni tal-Kummissjoni: agriculture.ec.europa.eu/document/download/cab818ee-c187-4a14-8635-a9fda51a9cc9_en?filename=c-2021-1437-commission-decision_en.pdf.

²² Għall-opinjoni tal-Kummissjoni: [f033b677-0932-4fee-8b83-85e7a0caa63c_en](https://agriculture.ec.europa.eu/document/download/f033b677-0932-4fee-8b83-85e7a0caa63c_en).

²³ Għall-opinjoni tal-Kummissjoni: [3e7b4934-d539-41ca-8228-b0a8721b449a_en](https://agriculture.ec.europa.eu/document/download/3e7b4934-d539-41ca-8228-b0a8721b449a_en).

firxiet ta' daqsijiet li fihom "trikkib", u b'hekk ippermetta lill-operaturi jagħżlu s-segment tal-bejgħ li fih jixtiequ jqiegħdu l-prodotti tagħhom, skont ir-rekwiżiti tad-domanda. Dan l-approċċ ippermetta li jiġu eliminati l-inċertezzi u jiġi ottimizzat il-bejgħ. Appoġġa wkoll it-titjib tal-kwalità matul il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni billi naqqas ir-riskji bħat-tbenġil permezz tat-tqassim skont id-daqs bil-piż, filwaqt li ppermetta lill-operaturi jqisu d-densità tal-prodott u l-kontenut taz-zokkor biex jiżguraw li l-prodotti introdotti fis-suq ikunu misjurin. Il-ftehim għen biex jitnaqqas u jiġi ġestit l-iskart billi jillimita l-ġestjoni waqt ix-xiri, u b'hekk jonqsu d-deterjorament u t-telf tal-prodott filwaqt li jintlaħqu l-aspettattivi tal-konsumaturi.

L-Artikolu 172b tal-OKS

Skont l-Artikolu 172b, l-IBOs rikonoxxuti li joperaw fis-settur tal-inbid jistgħu jipprovdu indikaturi ta' gwida tal-prezzijiet mhux obligatorji għall-bejgħ tal-għeneb għall-produzzjoni ta' nbejjed DOP jew inbejjed b'indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP), sakemm tali gwida ma teliminax il-kompetizzjoni fil-każ ta' proporzjon sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni.

Skont id-dispożizzjoni, ma hemm l-ebda obbligu li daww il-miżuri jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni, u sa fejn taf il-Kummissjoni, din id-dispożizzjoni għadha ma ġietx implimentata sa issa.

2.3 Ftehimiet ta' sostenibbiltà (l-Artikolu 210a OKS)

Ir-Regolament (UE) 2021/2117²⁴ introduċa dispożizzjoni ġdida fl-OKS (l-Artikolu 210a) biex jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) tat-TFUE ftehimiet bejn produttori jew bejn produttori u operatori oħra fil-katina tal-provvista agroalimentari (fil-livell tal-ipproċessar jew tad-distribuzzjoni pereżempju) immirati lejn il-kisba ta' standard ta' sostenibbiltà oġġla minn dak impost mid-dritt tal-UE jew nazzjonali. Dan daħal fis-seħħ f'Diċembru 2021.

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, ĠU L 435, 6.12.2021, p. 262.

Sabiex jibbenefikaw minn din l-esklużjoni, l-operaturi jridu jfittxu li jiksbu standards oġhla li għandhom l-għan li jikkontribwixxu għal: (i) il-protezzjoni ambjentali; (ii) tnaqqis fl-użu tal-pestiċidi jew il-periklu tar-reżistenza antimikrobika; jew (iii) is-saħħa tal-annimali u l-benessri tal-annimali. F'dawk il-każijiet, l-operaturi huma permessi li jikkonkludu ftehimiet li altrimenti jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) tat-TFUE, dment li kwalunkwe restrizzjoni tal-kompetizzjoni li jaqblu dwarha tkun indispensabbli biex jintlaħqu l-istandards ta' sostenibbiltà mfittxija.

F'Diċembru 2023, il-Kummissjoni adottat linji gwida dwar il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 210a²⁵. Dawn jipprovdu gwida dettaljata dwar kif għandha tiġi interpretata l-esklużjoni kif ukoll bosta eżempji ta' ftehimiet potenzjali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

Ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 210a ma humiex ipprojbiti, u l-ebda deċiżjoni minn qabel għal dan il-għan ma hija meħtieġa. L-applikazzjoni tal-esklużjoni hija bbażata fuq awtovalutazzjoni. Madankollu, il-produtturi jistgħu jitolbu opinjoni mill-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà ta' ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma mal-Artikolu 210a.

Il-Kummissjoni ħarġet l-ewwel opinjoni tagħha skont l-Artikolu 210a f'Lulju 2025 dwar ftehim ta' sostenibbiltà fis-settur tal-inbid Franċiż²⁶. Il-ftehim għandu l-għan li jżomm il-livell kurrenti ta' sostenibbiltà miksub fis-settur tal-inbid fl-Occitanie permezz tal-applikazzjoni ta' standards organiċi u ta' valur ambjentali għoli (*haute valeur environnementale*) HVE). Fil-kuntest ta' kriżi li qed taffettwa s-suq tal-inbid Franċiż hemm riskju li l-produtturi ta' dawn l-inbejjed aktar sostenibbli jaqilbu għal produzzjoni tal-inbid konvenzjonali aktar attraenti ekonomikament jew joħorġu mis-suq, pereżempju permezz tal-programm nazzjonali ta' tindif. Biex jillimita dak ir-riskju, il-ftehim jistabbilixxi prezz ta' orjentazzjoni mhux obligatorju għax-xiri ta' nbid bl-

²⁵ Linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-esklużjoni mill-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ftehimiet ta' sostenibbiltà ta' produtturi agrikoli skont l-Artikolu 210a tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, ĠU C 1446, 8.12.2023.

²⁶ Għall-opinjoni tal-Kummissjoni: [86f5a339-ee2d-430f-8e29-5fb56770ba14_en](#).

ingrossa f'livell li jkopri l-kostijiet u marġni sa 20 %. Il-Kummissjoni sabet li l-ftehim huwa kompatibbli mal-Artikolu 210a.

2.4 Miżuri ta' kriżi (l-Artikolu 222 tal-OKS)

Matul perjodi ta' żbilanċ serju fis-swieq, l-Artikolu 222 jippermetti lill-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni li jgħidu li l-Artikolu 101(1) tat-TFUE ma japplikax għal tipi speċifiċi ta' ftehimiet u deċiżjonijiet ta' bdiewa, assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, OPs rikonoxxuti, APOs u IBOs, sakemm tali ftehimiet u deċiżjonijiet ma jdgħajfux il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u jkollhom l-għan strett li jistabbilizzaw is-settur ikkonċernat.

Fit-22 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni ppreżentat rapport separat²⁷ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu ta' miżuri ta' kriżi, inklużi dawk adottati skont l-Artikolu 222, li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sa tmiem l-2023.

L-ebda miżura oħra ma ġiet adottata skont l-Artikolu 222 mill-perjodu kopert minn dak ir-rapport.

2.5 Aġġustament tal-provvista (l-Artikoli 166a-167-167a tal-OKS)

L-Artikolu 166a tal-OKS

L-Artikolu 166a jippermetti lil OP rikonoxxuta, IBO rikonoxxuta jew grupp ta' produttori relatat ma' indikazzjoni ġeografika li jitolbu lil Stat Membru biex jistabbilixxi regoli vinkolanti dwar ir-regolamentazzjoni tal-provvista għal prodotti DOP/IĠP. Dan l-Artikolu introdott fl-2021 jissostitwixxi d-dispożizzjonijiet preċedenti għall-ġobon (l-Artikolu 150) u l-perżut (l-Artikolu 172) u japplika għall-prodotti agrikoli kollha li jibbenefikaw minn indikazzjonijiet ġeografiċi.

Fil-perjodu li jikkonċerna dan ir-rapport, kien hemm diversi każijiet taħt id-dispożizzjonijiet ta' qabel l-2021, jew taħt dawk ġodda, notifikati lill-Kummissjoni fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, li jkopru Asiago DOP jew IĠP, Grana Padano u Parmigiano Reggiano fl-IT u Reblochon,

²⁷ Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-użu ta' miżuri ta' kriżi adottati skont l-Artikoli 219 sa 222 tar-Regolament dwar l-OKS, COM(2024) 12 final.

Gruyère, Raclette de Savoie, Tomme de Savoie, Emmental de Savoie, Abondance, Beaufort u Comté fi FR²⁸.

Ġew stabbiliti regoli mmirati biex jiżguraw il-valur miżjud ta' prodotti ta' kwalità b'DOP jew IĠP għal żewġ prodotti tal-laħam (perżut), il-Prosciutto di Parma (mit-28 ta' Diċembru 2017 sa Diċembru 2020)²⁹, u l-Prosciutto di San Daniele (mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2023)³⁰. Ir-regoli għaż-żewġ prodotti ġew estiżi sal-2026³¹.

